MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-25 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 1858/2002/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Guzeppi Chetcuti ghan-nom u in rapprezentanza ta' Austria Tabak (Malta) Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Guzeppi Chetcuti nomine**

**vs**

**Raymond Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Marzu, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta’ mija u erbgha u tmenin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm184.29), danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta attrici Guzeppi Chetcuti noe, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited salv ghal excess ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) imhallas mill-istess Guzeppi Chetcuti noe, bhala rizultat ta’ l-incident tat-traffiku li sehh fl-24 ta’ Mejju 2001 ghall-habta tal-10.00 a.m. gewwa Triq l-Arcisqof Mattei, Isla bejn il-vettura propjeta ta’ l-attur bin-numru KBB 369 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni FAV 032, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta l-ammont li qieghed jintalab il-hlas tieghu.

Semgha x-xhieda.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Il-kawza titratta incident tat-traffiku li sehh fl-24 ta’ Marzu 2001 gewwa Triq l-Arcisqof Mattei, l-Isla.

2. Mir-risposta li giet prezentata mill-konvenut jirrizulta bic-cjar li huwa m’huwiex jikkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

3. Il-kontestazzjoni tal-konvenut hija limitata ghal *quantum* tad-danni li l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tieghu u peress li huwa ma giex mgharraf li l-vettura bin-numru KBB 369 kienet ser tissewwa.

4. Huwa maghruf li min isofri danni ghandu l-obbligu li jimminimizzahom u mhux izidhom. Il-hsara fil-vettura bin-numru KBB 369 kienet fuq il-*mudguard* tal-lemin (ta' quddiem) u l-*indicator* [ara l-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz].

5. L-atturi pprezentaw *survey report* li sar minn Alfred Farrugia (fol. 18). Dan iccertifika x'kienet il-hsara li saret fuq il-vettura propjeta ta' l-attur nomine. Mill-provi jidher bic-cjar li l-ispejjez saru skond ma jinghad f'dan ir-rapport. Fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma tressqu xi provi biex jikkontrobattu din il-prova. Inoltre, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-somma ta' mija u erbgha u tmenin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm184.29) hija wkoll wahda ragonevoli u bl-ebda mod ezagerata. L-atturi pprezentaw ukoll kopja tar-ricevuti tal-hlas li sar ghat-tiswija.

6. Jekk kif ighid il-konvenut ried ikun jaf kemm kienu ser jiswew l-ispejjez sabiex ikun jista' jirregola ruhu kellux jaghmel *claim* ma' l-insurance, kellu kull interess li ma jhallix l-affarijiet reqdin qiesu qatt ma gara xejn. Messu ha hsieb ikkomunika ma' l-attur nomine sabiex jirregola ruhu. Il-fatt li huwa ma giex mgharraf mill-attur nomine bl-ebda mod ma jistax jezonera lill-konvenut mir-responsabbilta tieghu li jaghmel tajjeb ghad-danni li kkaguna fl-incident de quo. Dan apparti l-fatt li anke meta xehed il-konvenut (seduta tat-28 ta' Novembru 2002) jidher li kien ghadu ma ddecidiex jekk kienx jaqbillu jaghmel *claim* ma' l-*insurance*. Lanqas mhi skuza li l-konvenut ighid li ma nghatax informazzjoni fejn seta' jikkomunika mas-sewwieq. L-okkorenza li ghamel l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz fiha d-dettalji kollha mehtiega.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u erbgha u tmenin lira Maltija u disgha u ghoxrin centezmu (Lm184.29) bhala danni.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittjiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut b'dawn iz-zewg aggravji principali:-

1. Is-socjeta` assikuratrici attrici naqset li ggib prova tal-pagament lill-assikurat taghha, u allura prova tas-surroga. Hu jissottometti ghalhekk illi din is-socjeta` naqset milli tipprova l-interess guridiku taghha biex tmantni l-proceduri u allura t-Tribunal adit messu lliberah mill-osservanza tal-gudizzju.
2. It-Tribunal naqas milli jispartixxi d-danni bejn dak li kien dovut lis-socjeta` assikuratrici attrici u l-attur Guzeppi Chetcuti nomine.

Ghal dawn l-aggravji l-atturi appellati wiegbu f'dan is-sens:-

i. Il-kwestjoni relattiva ghas-surroga ma gietx sollevata formalment mill-appellant f'ebda eccezzjoni;
ii. Dippju din l-istess kwestjoni, issa mqanqla f'din is-sede, ma kienetx fatali ghat-tezi taghhom. F'dan il-kuntest jaghmlu espressa referenza ghad-disposizzjoni ta' l-Artikolu 1166(c) tal-Kodici Civili u s-sostenn tal-gurisprudenza minnhom citata;
iii. Inoltre wkoll il-konvenut appellant fil-kors tal-proceduri quddiem it-Tribunal qatt ma talab prova illi l-hlas effettivament sar mis-socjeta` assikuratrici u allura t-Tribunal kellu dritt jassumi illi ma kienx hemm kontestazzjoni dwaru u li per konsegwenza din is-socjeta` kienet fil-fatt surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha;
iv. Kwantu ghat-tieni aggravju l-fatt li t-Tribunal iddecieda li ma jispartixxix id-danni bejn l-atturi appellati ma jgib l-ebda nuqqas dwar materja koncernanti s-surroga u lanqas xi pregudizzju lill-appellanti bil-fatt li t-tribunal ikkundannah ihallas somma globali liz-zewg atturi flimkien u ndistintivament.

Jinsab provvdut fl-Artikolu 728 (1) tal-Kap 12 illi l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu, jinghataw f'nota ta' l-eccezzjonijiet jew f'risposta skond il-kaz. Strettament ghalhekk l-eccezzjonijiet li ma jinghatawx, skond kif hawn preskritt, ma jistghux jitqajmu

la f'nota ta' l-osservazzjonijiet u lanqas f'dibattitu orali ghaliex altrimenti l-Qorti ma tiddecidihomx (Ara Kollez **Vol XXXIV pI p410** u **Vol XXXVIII pII p583**).

Il-kwestjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku kellha titqajjem "ope exceptionis" in kwantu din fis-sustanza vera taghha hi ta' indoli procedurali u preliminari li ma setghetx aktar titqajjem fi stadju inoltrat tal-proceduri. Kif drabi ohra rilevat "la l-buona fede bejn il-partijiet, indotta mill-accettazzjoni tat-terren tad-diskussjoni, ta' l-ekonomija taz-zmien u l-ispejjes ghal-partijiet u lanqas l-uzu sewwa tal-ministeru tal-Qorti ma jippermettu li jsir hekk" (Kollez. **Vol XLIX pI p138**). Anzi gie senjalat il-principju illi l-Imhallef civili, u dan ghandu ighodd ukoll ghal Gudikatur, ghandu fl-ghoti tas-sentenza f'kawza joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni (**Vol XLIX pI p406**).

F'dan il-kaz it-Tribunal ma okkupax ruhu minn din il-kwestjoni issa mqanqla u allura din il-Qorti, qua qorti ta' revizjoni, mhiex strettament marbuta li tikkonsidraha.

Ghal dak kollu pero` li tirrikjedi l-amministrazzjoni xierqa tal-gustizzja anke kieku kellha tikkonsidraha, l-ezami ta' din il-kwestjoni ma jwassalx imbaghad lanqas ghar-rizultat pretiz mill-appellanti.

Huwa pacifikament akkolt illi "la surrogazione legale si verifica a favore di colui che, essendo obbligato con altri o per altri, al pagamento del debito, l'avesse pagato sia volontariamente, perche avra interesse di pagarlo, sia perche egli fosse costretto giudiziaramente a farlo" (**Vol XXII pII p332**).

Din is-surrogazzjoni legali hi koncessa lis-socjeta` assikuratrici kif hekk insenjat minn bosta awturi, fosthom **Toullier** ("Diritto Civile Francese", Vol VI pagna 88 para 175) li jammetti li "l'assicuratore come surrogato nei diritti dell'assicurato puo` esercitare le azioni di costui contro il danneggiante". Hekk ukoll il-**Vivante** ("Trattato di Diritto Commerciale", Vol II para 1972) li jsostni illi "la surrogazione personale dell'assicuratore nei diritti

dell’assicurato e` una conseguenza naturale del pagamento dell’indennita` … … il terzo colpevole del sinistro non deve approfittarsi del contratto di assicurazione cui e` rimasto estraneo … … e percio deve rispondere del danno verso l’assicuratore che piglia il posto dell’assicurato”. Ara a propozitu s-sentenza a **Vol XXVII pI p873** li minnha dawn l-insenjamenti dottrinali gew estratti. Din il-figura guridika tas-socjeta` attrici assiguratrici qua surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha bl-operat ta’ l-Artikolu 1166 (c) baqghet tigi sostenuta sa ricenti, kif manifest mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, kolleggjalment komposta, tat-23 ta’ Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet “**Edwin Caruana –vs- Joseph Gasan et noe**”.

Dan kollu jfisser illi ma kienetx mehtiega ghas-sostenn tal-posizzjoni guridika tas-socjeta` assikuratrici manifestazzjoni tassattiva ta’ surroga ghab-bazi tal-polza tal-assikurazzjoni. Dan ghaliex, kif ampjament muri, s-surroga tirrizulta “ipso jure”.

Kwantu ghat-tieni aggravju dan fil-fatt jirripunja ghall-intelligenza in kwantu l-kundanna tal-hlas tas-somma globali tad-danni hi res inter alios ghall-appellanti kwantu ghal mod kif din tigi diviza bejn iz-zewg socjetajiet attrici. Il-fatt hu li hu ammetta l-kolpa tieghu ghall-incident u allura l-obbligu tieghu hu dak li jirrizarcixxi d-danni. F’liema mizura kull wahda minn dawn is-socjetajiet jisthoqqilha tippartecipa fis-somma rizarcitorja ma tikkoncernax lilu izda r-rapport intern bejn l-istess zewg socjetajiet. Ghaldaqstant dan l-aggravju wkoll ma jimmerita l-ebda akkoljiment u qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez ta’ din il-procedura ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------